# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2276

Kaz Nru: 2883 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Mario Muscat

u

Windmill Aluminium Co. Ltd

Illum: 6 ta' Marzu, 2014

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz kien beda taht ic-Chairmanship ta' Dr Joe Bonnici li anke kien wasal ghad-decizjoni finali fejn kien gie konkluz illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg ma saritx ghal raguni gusta u rrikorrent inaghata kumpens ta' ghaxart elef Euro (10,000). L-Intimati kienu naqsu li jipprezentaw risposta ghal-pretensjonijiet tar-rikorrent u lanqas kienu prezenti fil-proceduri quddiem it-Tribunal.

Il-Kaz kien imressaq mir-rikorrent kontra s-Sinjuri Mario Debono, Emanuel Cassar u Rudolph Cassar ilkoll bhala diretturi tal-kumpanija Windmill Ltd u li b'digriet ta' 10 ta' Gunju 2011 giet ordnata korrezzjoni fis-sens li t-tlett diretturi jigu mharka físimhom propju u bhala diretturi ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta Windmill Ltd.

It-tlett diretturi appellaw b'rikors datat 10 ta' Awissu 2011, mid-decizjoni tat-Tribunal u l-appell gie appuntat ghas-smieh fit-23 ta' Frar 2012 (nru. 30/2011) mill Onor. Imhallef Raymond C Pace.

L-appell gie milquh nhar it-2 ta' Ottubru 2012 u d-decizjoni tat-Tribunal giet nulla ghaliex is-socjeta ntimata li kellha relazzjoni ma' l-appellat kienet Windmill Aluminium Co. Ltd u ghaldaqstant id-decizjoni kellha tkun kontra Windmill Aluminium Co. Ltd u mhux kontra s-socjeta Windmill Ltd li hija socjeta differenti. Il-Qorti ta' l-appell ghaldaqstant ordnat li tirremetti l-kaz lura lit-Tribunal Industrijali sabiex il-kaz jigi deciz mill-gdid.

Fis-6 ta' Gunju 2013, b'digriet it-Tribunal kompla l-kaz bl-isem tas-socjeta ntimata jinbidel ghal Windmill Aluminium Co Ltd. (C 15816).

Dan il-kaz gie ntavolat mir-rikorrent fit-22 ta' Frar 2011 fejn gie allegat li s-socjeta ntimata tterminat l-impjieg tar-rikorrent ingustament fl-10 ta' Novembru 2010 minghajr ma nghata l-ebda terminal benefits u gie mcahhad mil-beneficcju tal-qaghad. Ghaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob il-provvedimenti kollha skond il-ligi nkluz kumpens xieraq.

Da parti taghha, s-socjeta ntimata sostniet li r-rikorrent abbanduna l-post tax-xoghol tieghu nhar l-10 ta' Novembru 2010 u ma regax gie lura u li ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

## Dikjarazzjonijiet u Fatti

Ir-rikorrent beda jahdem mas-socjeta ntimata fit-19 ta' Frar 2007 bhala welder sa meta saret l-allegata tkeccija fl-10 ta' Novembru 2010. Fid-dikjarazzjoni tal-kaz r-rikorrrent ddikjara li dejjem ghamel xogholu u qatt ma nghata twisijiet.

Ir-rikorrent kompla jiddikjara li fl-10 ta' Novembru 2010 is-Sur Rudolph Cassar – direttur tas-socjeta, qabdu jaghmel xoghol ta' rockwool li skond ir-rikorrent kien hemm riskju ghas-sahha ghaldaqstant talbu maskla ta' protezzjoni. Kif talbu l-maskla Cassar qallu 'ippancjali u itlaq il-barra la ma tridx tahdem.' Dan kien fil-11 ta' filghodu. Skond ir-rikorrent huwa pprova jkellem lil Cassar bil-kelma t-tajba ghaliex kien se jkeccieh izda Cassar qallu li ma jridux l-hemm izjed.

Fid-dikjarazzjoni taghha s-socjeta spjegat li mhux veru li hi agixxiet b'xi mod li kien hemm riskju ghas-sahha tar-rikorrent u alavolja r-rockwool ma kienx ta' detriment ghas-sahha hi xorta pprovdiet maskri. Is-sicjeta kompliet tiddikjara li kien ir-rikorrent li abbanduna l-post tax-xoghol ghax ried maskra bil-filters li tintuza fuq xoghol ta' asbestos mhux fuq rockwool. Illi fil-fatt kienet provdiet maskra bil-filters lir-rikorrent zmien qabel izda hu kien tilifha u ghalhekk kellu juza maskra disposable li kienet sufficjenti ghax xoghol ta'rockwool. Ukoll it-tqattiegh tar-rockwool kien qed isir b'xafra apposta biex jigi evitat li jkun hemm inqas fibri fl-arja u x-xoghol kien qed isir f'post mhux daqstant konfinat. Skond is-socjeta r-rikorrent irrifjuta li jkompli jahdem u qabad jaghjjat. Kien hawnhekk li s-Sur Cassar qallu biex jieqaf jghajjat u jibda jahdem inkella jista jmur id-dar kif fil-fatt ghamel u ma regax mar lura ghax-xoghol

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrent u ukollipprovda avvidavit, is-Sur Grazio Debono u s-Sur Rudolph Cassar – diretturi tas-socjeta ntimata, is-Sur Mario Azzopardi u s-Sur Paul Mizzi ex-impjegati mas-socjeta ntimata. Gew ukoll ipprezentati dokumenti ohra fuq sahha u sigurta abbinati max-xoghol tar-rockwood. (Nota: Illum s-Sur Cassar m''ghadux iktar direttur u shareholder tas-socjeta ntimata).

Fix-xhieda teighu r-rikorrent spjega li kif bil-kelmait-tajba talab maskra ahjar min dik disposable lis-Sur Rudolph Cassar u dan issupervja, ippancjalu hu stess u qallu biex jitlaq il-barra. Ir-rikorrent prova jikkonvincieh u qallu 'taf xínt tghid?' Cassar qallu ppancjali u itlaq il-barra. Cassar ippancjalu hu stess. Ir-rikorrent talab din il-maskra ghax hass grizmejh jaharquh. Ix-xhieda tar-rikorrent taqbel ma l-avvidavit tieghu stess li kien ipprezenta meta gie ntavolat il-kaz.

Ir-rikorrent xhed ukoll li xi sena u nofs qabel kienu ffirmaw karta li turi li se jinghata xi safety equipment inkluz maskla imma qatt ma nghata xejn.

Mario Azzopardi ex-impjegat tas-socjeta ntimata xhed li dak in-nhar ta' l-incident ir-rikorrent talab maskla lir-Rudolph Cassar, inqala argument u dan ippancjalu u keccieh. Qallu tigix l-hawn aktar. Cassar qal lir-rikorrent biex jippancja u jitlaq u meta ma sarx hekk Cassar ippancjalu hu. Ix-xhud qal ukoll li lir-rikorrent dejjem b'maskla disposable rah u mhux bil-filters kif xtaq.

Xehed ukoll Paul Mizzi ex-impjegat iehor tas-socjeta ntimata li kien sprayer. Dan xhed li dejjem inghata maskla disposable u meta saqsa ghal maskla bil-filters Rudolph Cassar qallu biex jixtriha hu. Hu qal ukoll li qatt ma kien iffirma ghal xi safety equipment. Qal li kien tkecca ghax ma dahalx overtime is-sibt.

Xehed Rudolph Cassar li dak iz-zmien kien direttur u shareholder tas-socjeta ntimata u kien hu li jiehu hsieb il-haddiema, Hu qal li maskla disposable kienet bizzejjed ghax-xoghol fuq rockwool u meta rrikorrent talbu maskra ahjar bil-filters dan qallu li kien tah wahda u skond ix-xhud din instabet wara mormija goz-zibel izda ma setax jikkonferma li hu kien li tilifha jew gietx mormija. Ix-xhud qal li kien ipprovda din it-tip ta' maskla minhabba l-welding. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien dejjem responsabbli ghal dik il-maskla. Irrizulta li fil-fabbrika kien hemm CCTV izda meta Cassar gie mistoqsi jekk uzax is-CCTV biex jara minn tefgha l-maskla fiz-zibel dan qal li ma kienx hemm ghalfejn.

Dwar l-incident Cassar qal li wara xi ghajjat fejn ir-rikorrent ma ridx jahdem minghajr maskla bil-filters, qallu li tista titlaq issa.

Xehed ukoll is-Sur Grazio Debono – direttur, fejn qal li r-rockwool ma kienx ta' periklu u pprezenta dokumenti (GDI u DG2) relatati. Dan kien gabhom min fuq is-sit elettroniku tal-prodott. Meta t-tribunal saqsa jekk il-kumpanija ghandiex Safety Policy u Safety Code Debono wiegeb li jsir risk assessment u jgeghlu l-haddiema jilbsu s-safety equipment.

Fil-kontro ezami Debono esebixxa d-dukument bla data fejn ir-rikorrent iffirma ghal xi safety equipment inkluz maskla. Debono ma ftakarx meta dan id-dokument gie ffirmat. Debono

sostna li r-rikorrent kien inaghata maskla disposable li kienet sufficjenti. Debono qal li haddiehor kien jahdem b'maskla disposable u tar-rikorrent kien kollu 'fuss' ghax ma riedx jahdem. Debono kompla li r-rikorrent wara gimgha li telaq beda jahdem ghal-rasu. Debono temm ix-xhieda billi qal li ma kienx involut fl-incident ta' l-allegata tkeccija.

Fil-kontro ezami r-rikorrent qal li tabib tal-clinic kien qallu li r-rockwool jista' jgib il-kancer. Huwa qal li darba kienu fil-break u Rudolph Cassar gie bil-karti tas-safety equipment biex jiffirmawhom imma l-equipment qatt ma gie. L-anqas il-maskla bil-filters. Huwa kemm 'il darba talab maskla ahjar. Din il-karta kien imlijha sena u nofs qabel l-incident. Ix-xhud qal ukoll li wara xgharejn fetah ghal rasu. Ukoll hu setgha jirregistra biss fuq Part 2 darba fix-xahar, u ma kienx intitolat ghal beneficcji ghax kien 'dismissed.'

**<u>Konsiderazzjonijiet u Decizjoni</u>**

It-Tribunal f'dan il-kaz ghandu biex jikkunsidra jekk it-tkeccija kienetx wahda gusta fic-cirkostanzi kif graw l-affarijiet fl-10 ta' Novembru 2010 u anke fl-ambitu ta' kif is-socjeta ntimata mxiet mill-lat procedurali mar-rikorrent.

Il-kaz idur fuq l-10 ta' Novembru 2010 meta r-rikorrent talab maskla bil-filters lir-Rudolph Cassar – dak iz-zmien Direttur tas-socjeta ntimata, flok il-maskla disposable qabel ma jibda xoghol ta' tqattiegh tar-rockwool. Cassar issupervja u qallu biex jippancja u jitlaq. Ir-rikorrent ma ppancjax u pprova jkellmu izda Cassar ippancjalu hu stess u qallu biex jitlaq il-barra.

Is-socjeta sostniet li ma kienx hemm bzonn ta' maskla bil-filters ghal xoghol fuq rockwool. Is-socjeta qalet li r-rikorrent kien inghata maskla simili qabel, izda r-rikorrent tilifha. Din il-maskla nstabet fiz-zibel skond Cassar li izda ma jidhirx li nvestiga l-kaz sew avolja fil-fabbrika kien hemm is-CCTV. Ir-rikorrent cahad li qatt kellu maskla simili.

Jidher li r-rikorrent kien ibati minn certu mard u kien hemm certifikat mediku dwar dan li l-kumpanija kienet taf bih u li ghaldaqstant kienet taf li r-rikorrent kellu bzonn maskla specjalizzata. Is-socjeta ntimata ma kienetx konsistenti dwar dan.

Il-metodu ta' kif is-socjeta ntimata kienet tmexxi s-sahha u s-sigurta fuq il-post tax-xoghol ma kienx jidher li huwa wiehed professjonali. Ma kelliex safety policy u l-anqas kodici ta'sahha u sigurta. Tahrig fuq certu materjali kien ineziztenti. Ir-rikorrent u z-zewg xhieda ex-impjegati cahdu li kien jinghatalhom safety equipment anke jekk sena u nofs qabel iffirmaw document relatat. It-Tribunal ihoss li kif gie trattat dan id-dokument ma kien xejn professjonali.

Ir-rikorrent qatt ma kellu xi warning jew xi kaz ta' dixxiplina fi kwazi erba' snin.

Fit-Trattazzjoni finali s-socjeta ntimata bbazat l-argument taghha li r-rockwool u d-dokumenti esebiti fuq dan il-meterjal jiggustifikaw li r-rikorrent ma kellux bzonn maskla bil-filters u li r-r-rockwool ma jqabbatx kancer. Kompliet li l-post tax-xoghol ma kienx xi post maghluq u allura

ma kienx hemm periklu kif ukoll li r-rikorrent kien inaghata s-safety equipment relatat. Is-socjeta kkonkludiet li r-rikorrent abbanduna l-impjieg u li hu ried li jieqaf mix-xoghol biex jiftah ghar-rasu.

Min naha tieghu r-rikorrent, fit-tratazzjoni finali, fakkar li qatt ma kien moghti twissijiet u tkecca b'mod iunman fejn gie mkecci min-direttur li ppancjalu hu stess fejn dan gie kkonfermat anke mix-xhieda u li mhux veru li r-rikorrent ried jitlaq tali li l-imghallem stess ippancjalu u qallu tersaqlix l-hawn.

Ir-rikorrent cahad kategorikament li Rudolph Cassar kien tah maskla bil-filters zmien qabel u meta Cassar qal li sab maskla simili fiz-zibel dan qal li ma kellux ghalfejn jivverifika permezz tas-CCTV. Kompla billi qal li Grazio Debono kien jaf li r-rikorrent kellu bzonn maskla specjalizzata. Illi mhux gust li gieghel lil impjegati jiffirmaw dokument ta' Safety equipment minghajr data fejn jirrizulta mix-xhieda li dan ma kienx inghata. Ix-xhud Azzopardi kkonferma li qatt ma ra lir-rikorrent juza maskla bil-filters. Ghaldaqstant il-verzjoni tas-socjeta fuq il-maskla kienet konflingenti fejn Debono qal li kien jaf li r-rikorrent kellu bzonn maskla specjalizzata izda ma kellux ghalfejn itijielu ghax inkella jkun qed joqghod ghal li jghidu l-haddiema filwaqt li Cassar qal li tah wahda li wara nstabet fiz-zibel. Ir-rikorrent sostna li fuq talba ta' maskla huwa gie mkecci bl-aktar mod ingust u sahansitra ppancjalu d-direttur stess u m'hemmx dubju li t-tkeccija kienet wahda ngusta.

**Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li :-** l-incident li wassal ghat terminazzjoni ta' l-impjieg jirrigwarda talba tar-rikorrent biex jinghata maskla bil-filters minhabba xoghol specifiku. Fuq talba daqshekk semplici relatata mas-sahha u si-sigurta ghal sahhet il-haddiem, is-socjeta ntimata tterminatlu l-impjieg.

Dan l-attegjament ma hux accettabli fuq post tax-xoghol specjalment meta jikkoncerna s-sahha u sigurta tal-bniedem.

Is-socjeta ntimata wriet nuqqasijiet kbar fejn tidhol professjonalita ta' tmexxija u anke mill lat procedural kif zvolgiet it-tkeccija fejn ir-rikorrent qatt ma kellu kaz dixxiplinarju tul l-impjieg.

**<u>Decizjoni</u>**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomisjonijet tal-partijiet, it-Tribunal qighed jiddecidi li t-tkeccija kienet wahda ngusta u li hemm lok li r-rikkorenti jinghata kumpens.
Il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' sitt elef ewro (€6,000) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta ntimata lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal-finijiet tal-kap 452 tal-ligijet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : **Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**